MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Numru. 220/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Louise Calleja u**
**Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Saviour Spiteri**

Kumpilazzjoni Numru: 220/2008

**Illum, 02 ta' Marzu, 2009,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Saviour Spiteri, ta' 57, iben il-mejjet Guzeppi u l-mejta Adelina nee' Bonello, imwieled Valletta, fl-14 ta' Novembru, 1950, u residenti

gewwa 58, Triq il-Punent, Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru: 907350M.

Akkuzat talli nhar it-28 ta’ Frar, 2008, gewwa Haz Zabbar, u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer,

a. Bi vjolenza ikkometta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Suzanne Caroline Zammit;
b. Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekkwestra lil Suzanne Zammit kontra l-volonta’ taghha, u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
c. Ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Suzanne Carolina Zammit skond ma ccertifika Dr.Anthony Pisani M.D;
d. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Suzanne Carolina Zammit biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalha biza’
e. Gab ruhu b’tali mod li ta’ fastidju lil persuna ta’ Suzanne Caroline Zammit b’mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta’ fastidju ghal persuna ta’ Suzanne Caroline Zammit

Rat l-artikoli 86, 87(1)(g), 207, 221, 251A u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u li l-imputat ma mkellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz fil-qosor u kif jemergu mix-xhieda tal-prosekuzzjoni huma s-segwenti.

Illi l-imputat u l-parte leza kellhom relazzjoni li damet xi tlett snin. Din ir-relazzjoni temmietha l-parte leza, fatt li l-imputat donnu ma setghax jaccettah, tant li huwa baqa jcempel u jinsisti li kellhom ikomplu bir-relazzjoni.

Illi fil-gurnata in kwistjoni l-parte leza kienet qeghda barra mid-dar u l-imputat beda jcemplilha kontinwament u qallha li hux ser ihalliha kwieta. Meta marret lura d-dar (hi tghix f’appartament) u kienet ser tidhol f’l-appartament taghha sabet lill-imputat ma wicca u hu rnexxielu jidhlu f’l-appartament maghha. Hekk kif dahal hi bdiet tghidlu biex ihallieha u bdiet tissilet mieghu biex johrog ‘l barra. Hu, mhux talli ma harigx, imma beda jinsisti li jkollhom x’jaqsmu flimkien, haga li hi ma riditx. Regghu gew f’l-idejn u l-imputat refa’ lill-parte civile u hadha fil-kamra tas-sodda fejn hemm bi vjolenza prova jnehhielha l-hwejjeg. Hi b’xi mod irnexxielha tahrab u telqet tigri lejn il-bieb ta’ l-appartament pero l-imputat gera warajha u zammha billi ghalaq il-bieb; f’din it-taqbieb Zammit wegghet rasha.

Illi dak il-hin garr ta’ Zammit cemplet il-bieb u l-imputat donnu ikkalma u offra li jwassalha l-policlinic; Zammit pero ma reditx tmur mieghu. Meta Zammit telqet mid-dar biex tmur il-policlinic l-imputat beda jimxi warajha; Zammit irceviet messag fuq il-mobile u l-imputat hatfhielha l-mobile biex jaqra l-messagg hu. Zammit hadet l-oportunita u harbet biex marret ghand persuna li tafha u li kienet toqghod fil-vicinanzi; minn hemm cemplet lill-pulzija u baqghet hemm sa kemm gew il-pulizija. Fil-frattemp l-imputat kien ghadu jdur fil-vicinanzi jfittex lil Zammit. L-imputat eventwalment halla l-mobile ta’ Zammit ghand il-garr taghha. Kwazi immedjatament l-imputat rega’ beda jcempel lil Zammit fuq il-mobile.

Illi din il-verzjoni ta’ fatti ma gietx kontradetta b’l-ebda mod, anzi f’l-istqarrija tieghu l-imputat jaghti verzjoni simili hafna ghalkemm huwa bil-mod kif jirrakkonta l-fatti prova jimminimizza l-incident.

Illi mill-fatti hekk kif jirrizultaw l-Qorti hija sodisfatta li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma kollha pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati u l-fedina penali ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, u wara li rat l-artikoli 86, 87(1)(g), 207, 221, 251A u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kap 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin.

In oltre l-Qorti, b'applikazzjoni ta'l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u biex tipprovdi ghas-sigurta u ghall-protezzjoni ta' Suzanne Caroline Zammit, qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat li huwa projbit milli b'xi mod javvicina jew isegwi, u milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-imsemmija Suzanne Caroline Zammit, u dan ghal perjodu ta' tlet snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------